# Kunsill Lokali Il-Gżira

283/1 Triq D'Argens, Il-Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg6/A36-14

28 t' Ottubru 2014

**Avviż tal-Laqgħa Nru Klg6/36**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar it-**Tlieta 4 ta' Novembru 2014 fil-5.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Il-Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet
5. Diskussjoni u Approvazzjoni *Quarterly Report July – Septemer 2014*
6. Diskussjoni u Approvazzjoni – *GLCQ003/2014 – Christmas Lights*
7. Affarijiet Oħra
8. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skont il-líġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Roberto Cristiano
Sindku

Hugh Zammit
Aġent Segretarju Eżekuttiv

18 ta’ Novembru 2014

Seduta Nru: 36 - KUNSILL LOKALI GŻIRA

Minuti tal-laqgħa li saret it-Tlieta 04 ta’ Novembru 2014 fil-5.00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali.

**Preżenti:**

Is-Sinjuri:

Roberto Cristiano – Sindku, Joe Galea – Viċi-Sindku u l-Kunsillieri Charles Micallef St. John u Victor Rutter flimkien ma’ l-A/Segretarju Eżekuttiv Hugh Zammit u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

Attendiet għal parti mill-laqgħa, l-*Accountant* tal-Kunsill Johanna Caruana.

**Skużati:**

Il-Kunsillieri Vincenza Attard minħabba li kienet indisposta, Joe Camilleri u J.M. Muscat minħabba li kellhom impenn ieħor.

***Chairman***

Is-Sindku Roberto Cristiano ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fit-28 t’ Ottubru 2014

**TALBA**

Iċ-*Chairman* qal it-talba.

**1 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

**1.1** Il-minuti tas-Seduta Numru 35 ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

Il-Viċi-Sindku qal li f'paġna Nru: 2 para 2.3 għandha tiżdied il-kelma 'rampi' wara l-kliem 'irriżulta li'

Il-minuti kif emendati ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter.

**1.2** Iċ-*Chairman* talab sospenzjoni ta' l-Agenda tal-laqgħa biex tiġi diskussa *item* Nru: 5 ta' l-Agenda minħabba li kienet waslet l-*Accountant*.

Il-Kunsill laqa' din it-talba.

**5. Diskussjoni u Approvazzjoni *Quarterly Report July-September 2014***

**5.1** L-*Accountant* tat rendikont dettaljat dwar s-suġġett sopracitat (ara *Appendix* Nru: 1)

Wara diskussjoni qasira li matula ġew diskussi l-punti saljenti ta' dan ir-rapport u saru xi kjarifiki mill-membri tal-Kunsill, il-*Quarterly Report July – September 2014* ġie unanimament approvat mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**2. Materji Konnessi**

**2.1** Paġna Nru: 2 – para 2.1 Il-Kunsillier Charles Micallef St. John ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar in-nefqa ta' €8,086.53, għall-attivita *Christmas Village* li saret fl-14 ta' Diċembru 2013 u qal li parti minn din in-nefqa kienet dovuta għall-parkeġġ temporanju minħabba li s-Soċjeta' tal-futbol ma kienitx żammet mal-ftehim li kien sar mal-Kunsill Lokali.

**2.2** Paġna Nru: 2 para 2.2 Il-Kunsillier Charles Micallef St John xtaq ikun jaf l-eżitu tal-laqgħa li kellha ssir dwar il-problema ta' l-ilma tax-xita fi Triq Carlo Manche' k/ma' Triq Ponsonby.

Iċ-*Chairman* qal li l-laqgħa li għaliha attenda hu, l-Viċi-Sindku, l-Perit tal-Kunsill u l-Perit għan-nom tad-ditta *Polidano Bros. Ltd* kienet saret. Matul id-diskussjoni ġie deċiż li l-kuntrattur għandu jsib soluzzjoni għal din il-problema filwaqt li l-Kunsill għandu jikkuntattja lid-ditta *GO plc* dwar il-*manhole*.

**2.3** Paġna Nru: 2 para 2.4 – Il-Viċi-Sindku qal li waqt żjara li għamel fl-*Active Ageing Centre* irriżulta li kien hemm xi diżgwid dwar ċerti affarijiet.

Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-problemi jiġu spjegati lid-dipartiment kkonċernat.

**2.4** Paġna Nru: 3 para 3.1 – Iċ-*Chairman* informa li l-Perit tal-Kunsill kien bagħat il-proposti tiegħu dwar il-manutenzjoni tal-Ġnien Kunsill ta' l-Ewropa liema proposti kienu jaċċedu l-ammont mistenni. Huwa qal li hu flimkien ma' l-A/Segretarju Eżekuttiv kienu attendew laqgħa mal-Ministru Jose' Herrera fejn fost affarijiet oħra

ġie diskuss il-proġett tar-riġenerazzjoni tal-Marina. Matul id-diskussjoni li saret, is-Sindku ppropona lill-Ministru li d-devoluzzjoni tal-ġnien tibqa għand il-Kunsill u l-proġett issir fuq bażi ta' *P.P.P.* biex b'hekk ikun hemm *committment* miż-żewġ naħat.

Huwa kompla jgħid li l-Ministru kien interessat b'din il-proposta u ssuġġerixxa li jsir kuntatt anke mal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex u tinħareġ Sejħa għall-Offerti.

Il-Ministru ntrabat ukoll li dejjem issir konsultazzjoni kemm maż-żewġ Kunsilli kif ukoll mal-Komunitajiet.

Iċ-*Chairman* qal li f'dan l-istadju għandha tinħareġ Sejħa għall-Offerti għax-xiri u nstallazzjoni ta' *Playing Field Equipment*

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku kemm mal-proposta tas-Sindku kif ukoll ma' dak li ssuġġerixxa l-Ministru Jose' Herrera u li tinħareġ Sejħa għall-Offerti għall-*Playing Field Equipment.*

**3. Korrispondenza**

Ġiet ippreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sal-4 ta' Novembru 2014, kif ukoll ingħatat informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu għall-ġranet li ġejjin.

Iċ-*Chairman* qara l-korrispondenza li rċevejna u dik li ntbagħtet fosthom:

**3.1** Il-Kunsill ġie nfurmat li waqt li kien qed isir xogħol ta' manutenzjoni fil-lokalita' minn ħaddiem tal-Kunsill taħt skema ta' xogħol fil-Komunita' ġarrab ħsara fil-vettura tiegħu. Kienet qed tintuża t-tali vettura minħabba l-fatt li l-Kunsill m'għandux trasport tiegħu. Il-Viċi-Sindku kien preżenti waqt dan l-inċident.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John li l-ħsara għandha tiġi kkumpensata.

**3.1.1** Iċ-*Chairman* qal li f'dan l-istadju kien qed jipproponi li tinxtara vettura għall-ħtieġijiet tal-Kunsill li jinkludu l-ġarr ta' għodda u materjal in konnessjoni ma' xogħlijiet ta' manutenzjoni fil-lokalita'

Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

**3.2** Il-Kunsill ġie nfurmat li kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa ser jibdew isiru lezzjonijiet ta' l-*Arts* għat-tfal fil-*Art & Cultural Room – Savoy Gardens* mis-Sinjura Vivienne Scicluna. Dawn il-lezzjonijiet huma mingħajr ħlas. Is-Sinjura Scicluna ser titħallas €375 fix-xahar.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din in-nefqa b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman,* ssekondata mill-Viċi-Sindku.

**3.3** Il-Kunsill ġie notifikat b'kawża miftuħa mis-Sur Christopher Mifsud kontra l-Kunsill għad-danni minnu sofferti minħabba allegati difetti fil-pedamenti tat-Triq Antonio Sammut.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li jiġi nfurmat l-Avukat tal-Kunsill.

**3.4** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ammont tal-*U.I.F.* kien €499,673.19

**3.5** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John għan-nefqa ta' €140 biex jiġu ppubblikati avviżi lir-residenti fid-djarju maħruġ mill-Parroċċa tal-Gżira.

**3.6** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter biex jiġi ppubblikat avviż għar-residenti fil-kalendarju ta' l-Għaqda Mużikali Mount Carmel Gżira għan-nefqa ta' €50.

**3.7** Il-Kunsill qabel unanimament li fil-futur qarib fis-sala tal-Komunita' jsir *Arab civilization workshop for Adults and Kids.*

**3.8** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Viċi-Sindku li jinxtraw 10 (għaxra) *Doggy Bins* għall-ammont ta' €116.00 kull wieħed VAT inkluża mingħand id-ditta Anthony Bonello.

Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jiġu ordnati tabelli bi lingwi tal-klieb biex jiġu nstallati fil-lokalita'

**3.9** Il-Viċi-Sindku nforma li hu flimkien mal-Kunsilliera Vincenza Attard kienu attendew għall-laqgħa li saret il-Ġimgħa 31 t'Ottubru 2014 fil-*Corinthia Hotel* San Gorg li kienet preseduta mill-President ta' Malta biex iħeġġu l-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-Istrina b'Solidarjeta'.

Matul id-diskussjoni li saret ġie deċiż li l-Kunsillier Victor Rutter għandu jikkuntattja lis-Sindku s-Sur Anthony Chircop u l-Kunsillier David Muscat tal-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema sabiex jiġi organizzat *football tournament* bejn il-Kunsilli Lokali.

**3.10** Iċ-*Chairman* nforma li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' Skeda ta' Ħlasijiet

**4.1** Tressqet l-iskeda tal-ħlasijiet Klg6/34 minn numru 1481 sa 1505 (*appendix* nru:2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsill approva unanimament l-iskeda sopraċitata b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Charles Micallef St. John.

**6. Diskussjoni u Approvazzjoni – *GLCQ003/2014 – Christmas Lights***

**6.1** Il-Kunsill ġie nfurmat li kwotazzjoni waħda biss ġiet sottomessa dwar is-suġġett sopracitat li kienet tas-Sur Victor Tedesco għall-ammont ta' €3,000.(tlett elef ewro) liema prezz jinkludi l-applikazzjoni tal-*meters* tad-dawl u l-VAT.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Victor Rutter ma' din il-kwotazzjoni.

**7. Affarijiet Oħra**

**7.1** Il-Kunsillier Victor Rutter staqsa jekk il-Kunsill kellux xi nformazzjoni dwar il-proġett tal-Kappara.

Iċ-*Chairman* informa li d-deċiżjoni dwar il-proġett kienet ittieħdet u l-proċess tat-*tender* għandu jitlesta sa l-aħħar ta' Novembru 2014. Ix-xogħol hu ppjanat li jibda f'Settembru 2015. Huwa kompla jgħid li qabel ma jibda dan il-proġett, ser issir laqgħa mal-Kunsill Lokali, mat-*Traffic Management* u l-Gvern Ċentrali.

**7.2** Il-Kunsillier Victor Rutter rrefera għad-*double parking* li qed isir fin-naħa t'isfel ta' Triq Sliema kif ukoll għan-nuqqas ta' sorveljanza mill-Gwardjani Lokali u l-Pulizija f'din iż-żona.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li nerġgħu ninfurmaw lill-Awtoritajiet konċernati u jekk din is-sitwazzjoni tibqa' tippersisti, l-Kunsill iqajjem il-materja anke` fuq livell ministerjali.

**7.3** Il-Kunsillier Charles Micallef St. John ippropona li matul ix-xahar ta' Novembru 2014 għandha ssir Quddiesa għall-mejtin; fosthom sindki, kunsilliera, impjegati u benefatturi. L-istess Kunsillier ippropona ukoll li għandha titqiegħed kuruna tal-fjuri fuq il-monument tar-Rev Kappillan Carlo Manche'

Il-Kunsill qabel unanimament.

**7.4** Il-Kunsillier Charles Micallef St. John qal li propjetarju ta' stabbiliment fi Triq ix-Xatt kien waħħal bnadar fuq il-bankina b'konsegwenza li ġie kkawżat ostakolu għall-*pedestrians*.

Matul id-diskussjoni li saret, ġie deċiż li dawk li jiġu identifikati għandhom jiġu rrappurtati lill-Pulizija.

Rigward il-ħasil tal-bankina fi Triq ix-Xatt quddiem l-istabbilimenti, il-Kunsill qabel unanimament li jieħu parir legali mingħand l-Avukat tal-Kunsill dwar il-possibilita` li tiġi promulgata *Bye Law* sabiex tirregola is-suġġett sopracitat.

**7.5** Il-Viċi-Sindku xtaq jirringrazzja pubblikament kemm lill-Pulizija kif ukoll lill-kuntrattur ta' l-iskart għal mod ta' kif issolviet il-problema ta' l-i*squatter* li kien qed jokkupa Ġnien il-Kunsill ta' l-Ewropa abbużivament.

**7.6** Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ħarġa li jmiss tal-gazzetta *IMPENN* kienet ser tiġi ppubblikata qabel il-Milied. Għaldaqstant, dawk il-membri tal-Kunsill li xtaqu jikkontribwixxu f'din il-ħarġa għandhom jissottomettu l-kummenti tagħhom sal-11 ta' Novembru 2014.

**7.7** Il-Kunsill qabel unanimament li għandha tiġi nstallata tabella *Cul de Sac* fi Triq Luqa Briffa k/ma' Triq Giacint Tua u mera fi Triq Sir William Reid k/ma' Triq Luqa Briffa.

**7.8** Iċ-*Chairman* informa li kien f'diskussjonijiet mad-Direttur tad-Dipartiment ta' l-Anzjani s-Sur John Bottiglieri dwar il-possibbilta ta' proġett bejn il-Kunsill Lokali u l-Ministeru sabiex id-dar ta' l-Anzjani fi Triq ix-Xatt issir *night shelter* u *respite*. Il-fondi għal dan il-proġett ser jintalbu lill-Unjoni Ewropea.

Iċ-*Chairman* qal li kien ser jibqa' jinforma lill-Kunsill bl-eżitu ta' dawn il-laqgħat.

**8. Laqgħa Oħra**

**8.1** Minħabba li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fis-6.15 p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 18 ta' Novembru 2014 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Roberto Cristiano | Hugh Zammit |
| Sindku | A/Segretarju Eżekuttiv |

Klg6/35 - 04.11.2014 **Data:** **22.10.2014 - 04.11.2014**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Assoċ tal-Gvern Lokali | € 100.00 | € 100.00 | D | Laqgħa Plenarja 17/18 Oct 2014 | 14.10.2014 | | 1481 | | | 9166/9167 |
| 2 | D.O.I. | € 9.32 | € 9.32 | D | GLCQ 003/2014 - Christmas Lights | 21.10.2014 | | 1482 | | | 9172 |
| 3 | IDPC | € 23.29 | € 23.29 | D | Notification Fee for July 2014/July 2015 | 23.10.2014 | 8465 | 1483 | | | 9192 |
| 4 | RGS Supplies Ltd | € 135.70 | € 135.70 | D | A4 P/Copy Paper | 24.10.2014 | 278747 | 1484 | | | 9193 |
| 5 | SRF Cleaning Services | € 378.52 | € 378.52 | T | S/Sweeping ON Sundays for Sept 2014 | 16.10.2014 | 14/3427 | 1485 | | | 9194 |
| 6 | SRF Cleaning Services | € 4,588.85 | € 4,588.85 | T | S/Sweeping G/Cutting - Sept 2014 | 16.10.2014 | 14/3428 | 1486 | | | 9195 |
| 7 | Venture Trading | € 559.99 | € 559.99 | D | PC Upgrade & Mainboard Labour | 22.10.2014 | 22450 | 1487 | | | 9196 |
| 8 | Image Systems Ltd | € 47.34 | € 47.34 | D | Rentals & Copies 31/08/14-30/09/14 p/copier office | 30.09.2014 | RENT/094885 | 1488 | | | 9197 |
| 9 | Image Systems Ltd | € 47.34 | € 47.34 | D | Rentals & Copies 31/08/14-30/09/14 p/copier office | 30.09.2014 | RENT/094886 | 1488 | | | 9197 |
| 10 | Benny's Frame Shop | € 100.00 | € 100.00 | D | Frames for President Photoes | 20.10.2014 | 4973 | 1489 | | | 9198 |
| 11 | Frans Abela | € 50.00 | € 50.00 | D | Zmantellar ta' Playing Field Equipment | 27.10.2014 | 35 | 1490 | | | 9199 |
| 12 | WasteServ Malta Ltd | €2,546.43 { | | D | MSW Waste 18-30.09.2014 | 15.10.2014 | 052921 | 1491 | | | 9200 |
| 13 | WasteServ Malta Ltd | €2,523.78 } | € 3,470.42 | D | MSW Waste 04-10.09.2014 | 01.10.2014 | 052572 | 1491 | | | 9200 |
| 14 | Nathalie Camilleri | € 0.00 | € 0.00 | Q | CANCELLED | | 015 | 1492 | | | CANCELLED |
| 15 | The Tool Box | € 60.49 | € 60.49 | D | Maint Locality | 10.07.2014 | 12701 | 1493 | | | 9201 |
| 16 | All Interiors | € 70.80 | € 70.80 | D | Repair of Blinds | 23.10.2014 | 1033 | 1494 | | | 9202 |
| 17 | J.F Mallia | € 116.01 | € 116.01 | D | Maint Street Light Job Nos: 343 & 344 | 02.09.2014 | 1130 | 1495 | | | 9203 |
| 18 | Melita plc | € 194.93 | € 194.93 | D | Internet 08.10.14-07.11.14 Usage 09.09.14-07.10.14 | 08.10.2014 | 100418546 | 1496 | | | 9205 |
| 19 | Simler's Confectionery | € 82.00 | € 82.00 | D | Attivita 24.10.14-Act Ageing Ctr | 24.10.2014 | 6,317 | 1497 | | | 9206 |
| 20 | Mifsud Squire Bookshop | € 85.33 | € 85.33 | D | Newspapers - October 2014 | 31.10.2014 | 424 | 1498 | | | 9207 |
| | Sub Total c/f | € 6,649.91 | € 10,120.33 | | | | | | | | |
| | Total | € 6,649.91 | € 10,120.33 | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier

**Kunsill Lokali: Il-Gzira** Skeda Nru: **klg6/35**

# Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Klg6/35 - 04.11.2014 **Data:** 22.10.2014 - 04.11.2014

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | € 444.60 | € 444.60 | | T | Job No: 3474 Road Markings | 24.10.2014 | 20077 | 1499 | | | 9208 |
| 22 | Chris Curmi | € 80.00 | € 80.00 | | D | Water Installation | 21.10.2014 | 30 | 1500 | | | 9209 |
| 23 | Chris Curmi | € 1,150.00 | € 1,150.00 | | D | Top Cupboard | 19.12.2014 | 23 | 1501 | | | 9210 |
| 24 | Alberta | € 41.30 | € 41.30 | | D | Call out & Service Report | 30.10.2014 | 30129657 | 1502 | | | 9211 |
| 25 | Miller Distributors Ltd | € 250.01 | € 250.01 | | D | Books for Public Library | 03.11.2014 | SIN-BKS00249850 | 1503 | | | 9212 |
| 26 | Eco Pure | € 16.99 | € 16.99 | | D | Drinking Water for Adm Office - 21.10.14 | 21.10.2014 | 587935 | 1504 | | | 9213 |
| 27 | Eco Pure | € 8.50 | € 8.50 | | D | Drinking Water for Adm Office - 01.10.14 | 02.10.2014 | 586267 | 1504 | | | 9213 |
| 28 | Malta Communications Auth | € 120.00 | € 120.00 | | D | WIFI at Activities Centre from Oct 14-Sept 15 | 03.11.2014 | 4399 | 1505 | | | 9214 |
| 29 | Gzira Local Council | | | | | Honoraria & Wages | | | | | | |
| 30 | | | | | | | | | | | | |
| 31 | | | | | | | | | | | | |
| 32 | | | | | | | | | | | | |
| 33 | | | | | | | | | | | | |
| 34 | | | | | | | | | | | | |
| 35 | | | | | | | | | | | | |
| 36 | | | | | | | | | | | | |
| 37 | | | | | | | | | | | | |
| 38 | | | | | | | | | | | | |
| 39 | | | | | | | | | | | | |
| 40 | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| Sub Total c/f | € 2,111.40 | € 2,111.40 |
| Sub Total b/f | € 6,649.91 | € 10,120.33 |
| Total | € 8,761.31 | € 12,231.73 |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru:**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

Kunsillier